# Tin Iswed u Tin Abjad

## Rakkont għall-Ewwel sena tal-Primarja

Mela darba kien hemm raġel li kien miexi fil-kampanja, meta ġo għalqa jilmaħ siġra kbira mimlija tin iswed. Kellu l-ġuħ u d-dehra ta' dak it-tin iswed aktar fetħitlu l-aptit. Qabeż ġol-għalqa, inxteħet taħt is-siġra u beda jaqta' u jiekol. U dak it-tin tant kien tajjeb, li beda jieklu tnejn, tnejn ... tlieta tlieta. Meta ma felaħx jiekol aktar, qam biex jitlaq; iżda xi jqum iqum! B'għaġeb kbir tiegħu, sab li kien kibirlu denb twil, twil donnu serp. Miskin, tatu rasu u tant ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel li nfexx jibki bħal tarbija.

Minnufih jilmaħ quddiemu raġel xiħ għakka bil-leħja bajda tkaxkar mal-art.

"Xi ġralek?" staqsieh ix-xwejjaħ. "Għalfejn dal-biki kollu?"

L-imsejken raġel lanqas felaħ iwieġbu u waqt li kompla jibki u jolfoq urieh id-denb kbir li kien kibirlu:

"Mid-dehra kilt minn dak it-tin iswed, hux tassew?" tbissem ix-xwejjaħ. "Issa ħaġa waħda biss tista' tagħmel. Qed taraha dik is-siġra bit-tin abjad? Mur fittex kul ikla minnha!"

U ma' dal-kelmiet ix-xwejjaħ sparixxa.

Għalkemm dak ir-raġel ma tantx kellu aptit iduq aktar tin, iddeċieda li jisma' minn kliem ix-xwejjaħ. Ġera lejn is-siġra li wrieh u beda jaqta' u jiekol. Ħaġa tal-għaġeb, aktar ma jiekol tin abjad, aktar id-denb beda jiqsar u jiċkien sa ma spiċċa fix-xejn. Tgħidx kemm beda jaqbeż bil-ferħ ... u kien diġà se jqum biex jitlaq meta f'daqqa waħda għaddielu ħsieb minn rasu. Ġera lejn is-siġra tat-tin iswed u qata' salt

minnu. Imbagħad mar fuq dik tat-tin abjad u reġa' qata' salt ieħor. Xeħet kollox ġo sorra u telaq ferħan lejn daru.

L-għada, ir-raġel poġġa t-tin iswed ġo qoffa u rħielha lejn il-palazz tas-Sultan. Kien jaf sewwa li l-prinċipessa kienet miġnuna wara t-tin. Hekk kif wasal quddiem il-palazz beda jgħajjat: "Tin iswed ... frisk u fommu bil-għasel! Min jixtri? Tin iswed!" Hekk kif il-prinċipessa semgħet dak il-bejjiegħ jgħajjat bit-tin, bagħtet lil waħda mill-qaddejja tagħha biex tixtrilha t-tin kollu li kellu. Kemm ferħet il-prinċipessa b'dak it-tin frisk! Kif niżlilha għasel! Imma l-ferħ tagħha kien għomru qasir, għax malli ppruvat tqum minn fuq is-siġġu, indunat li kien kibrilha denb kbir u oħxon. Kemm bkiet u werżqet il-prinċipessa! U kemm skanta u kkonfonda s-Sultan! Minnufih bagħat għat-tobba u l-professuri kollha tas-saltna ħalli jaraw x'jistgħu jagħmlu biex lil bintu jeħilsuha minn dak id-denb. Iżda ħadd minnhom ma seta' jsib tarf kif jeħlisha minnu. Lanqas is-saħħar tas-Sultan ma rnexxielu jagħmel xejn. Sa fl-aħħar is-Sultan ħareġ avviż mas-saltna kollha, li jekk xi ħadd jirnexxilu jeħles lill-prinċipessa minn dak il-kruha ta' denb, huwa kien lest li jżewwiġlu lil bintu u jagħtih nofs is-saltna.

Meta sema' b'dan l-avviż, dak ir-raġel mar ġab it-tin abjad li kien qata', għamlu ġamm, qiegħdu ġo vażett, libes libsa pulita u telaq lejn il-palazz biex jagħmilha ta' tabib.

Il-prinċipessa kienet xebgħet tibla' pilloli u mediċini għalxejn, imma meta dak ir-raġel taha dduq il-ġamm li kellu, ħadet gost, għax dik il-mediċina ma kinitx ħażina bħall-oħrajn.

"Minn din il-mediċina trid tieħu sitt mgħaref kuljum," qalilha r-raġel.

Il-prinċipessa obdietu bil-qalb u ma' kull mgħarfa li tieħu, id-denb kien jiqsar u jeqsar sa ma spiċċa għalkollox.

Is-Sultan żamm kelmtu: ta nofs is-saltna lil dak ir-raġel, żewġu lill-prinċipessa u meta s-Sultan miet, dak ir-raġel laħaq Sultan minfloku.

Dakinhar li laħaq Sultan, mal-lejl deherlu x-xwejjaħ li kien ra taħt is-siġra tat-tin. "Is-sliem għalik, Sire," qallu. "Inti kont bin is-slaten. Meta kont tarbija kienu serquk u ħadulek is-saltna. Issa erġajt ksibt lura dak li kien tiegħek!"

U sparixxa.